# L-ISKULTUR ANTONIO CHIRCOP (1798 -1869)



Eugene F. Montanaro LL.D.

**Skond l-istoriku Pietru Pawl Castagna, il-vara titulari ta' Santa Marija, meqjuma fil-Parroċċa tal-Qrendi, nħadmet fl-injam mill-iskultur Antonio Chircop fis-sena 1840.[1] F'din il-kitba sejrin nagħtu għall-ewwel darba xi dettalji bijografiċi dwar Antonio Chircop, artist li kien meqjus wieħed mill-aħjar skulturi fl-injam *(woodcarvers)* ta' żmienu.**

## Ħajtu fil-Qosor

L-iskultur Antonio Chircop twieled Senglea fit-28 ta' April 1798; fil-magħmudija tiegħu tawh l-ismijiet ta' *Antonio, Giuseppe, Francesco, Nicola* u *Salvatore; il-parrini tiegħu fil-magħmudija kienu Salvatore Mirapta u Carmela Camilleri, it-tnejn mill-Isla.*[2]

*Il-familja Chircop daħlet f'Senglea biż-żwieġ ta' Paolo Chircop u Francesca mwielda Quiglio, armla minn Vincenzo De Natali, missier u omm l-iskultur Antonio Chircop; tabilħaqq, iż-żwieġ tal-ġenituri ta' Antonio Chircop kien ġie ċelebrat fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Isla fil-21 ta' Ġunju tal-1786.*[3] *Mill-banda l-oħra, in-nanniet ta' Antonio, Michelangelo Chircop u Polixena neé Caruana, kienu żżewġu Cospicua fis-6 ta' Mejju 1761, filwaqt li ż-żwiġijiet aktar remoti tal-familja Chircop kollha nsibuhom reġistrati fil-Parroċċa ta' Porto Salvo tal-Belt Valletta.*[4].

*Nhar it-18 ta' Ottubru 1829, l-iskultur Antonio Chircop iżżewweġ lil Antonia, bint Vittorio Decelis u Teresa mwielda Casha, fil-Knisja Parrokkjali ta' Vittoriosa.*[5] *Milli jidher, Vittorio Decelis kien fis-sengħa tal-bini, jew tal-artiġjanat, inkella kien artist, u dana għaliex dejjem sibt il-kelma Maestro* quddiem ismu.[6] Minn tagħrif li ġbart mir-Reġistri tal-Magħmudija ta' Senglea, sibt li, bejn is-snin 1832 sal-1845, minn dan iż-żwieġ twieldu f'Senglea sitt itfal, tlett subien u tlett ibniet. It-tfal ta' Antonio Chircop kienu dawn: Giuseppa, li twieldet fl-14/4/1832; Giovanna, li twieldet fid-9/2/1834; Antonio, li twieled fil-11/7/1838; Carmelo, li twieled fis-26/9/1840; Maria, li twieldet fil-21/4/1843; u Paolo, li twieled fis-26/8/1845.

L-iskultur Antonio Chircop miet fl-għomor ta' 70 sena, fis-dar tiegħu, numru 15 Strada Concezione, Senglea, fl-1 ta' Jannar tal-1869; difnuh fil-Knisja Parrokkjali ta' Senglea.[7]

## Antonio Chircop Bħala Skultur

Skond l-istoriku Castagna, Antonio Chircop kien alliev ta' Giorgio Pullicino (1779 – 1851). Giorgio Pullicino, arkitett u pittur, kien laħaq Professur tad-Disinn fl-Universita ta' Malta fis-sena 1803.[8] Madankollu, biex igħix, Pullicino kien kostrett jiftaħ studio fid-dar tiegħu, numru 117 Strada San Paolo, Valletta, fejn beda jgħallem id-disinn u l-pittura. F'din l-iskola ta' Pullicino, kienu jattendu mhux biss allievi iżda saħansitra artisti Maltin li kienu diġà għamlu isem.[9] Kollox juri, għalhekk, li Antonio Chircop kellu bħala għalliem tiegħu protagonist importanti fil-qasam tal-istorja ta' l-arti ta' Pajjiżna.

Meta, fis-sena 1840, Antonio Chircop lesta l-vara ta' Santa Marija tal-Qrendi, huwa kien diġà kiseb ċerta fama bħala skultur ta' statwi reliġjużi. Milli jidher, Chircop kien kiseb din il-fama għall-ħabta tas-sena 1839, wara li kien naqqax fl-injam l-istatwa tas-SSma Trinita li llum tinsab fis-sagristija tal-Bażilika ta' l-Isla.[10]

Jeħtieġ jingħad ukoll li Francesco Saverio Sciortino (1875 – 1958), ħu l-iskultur Antonio Sciortino, kien ġie kummissjonat sabiex jagħmel xi tibdil fil-vara ta' Santa Marija tal-Qrendi, maħduma minn Antonio Chircop fl-1840.[11]

L-istoriku Castagna jagħtina lista qasira ta' xogħlijiet oħra skultorji li naqqax fl-injam Antonio Chircop: il-vara tal-Madonna tar-Rużarju fil-Parroċċa tal-Gudja (1851); il-vara tal-Madonna tar-Rużarju fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar (1865); bosta figuri ta' appostli

li jżejnu l-altari, kif ukoll kandlieri u madwar 200 pulena.[12]

Nafu wkoll li f'Jannar tas-sena 1866 kienet saret petizzjoni sabiex isir pedistall ġdid għall-vara tal-Kunċizzjoni ta' Bormla, u li x-xogħol tal-iskultura ta' dan il-pedistall kien ġie f'idejn Antonio Chircop.[13]

Il-vara ta' Santa Marija tal-Qrendi ġiet kummissjonata matul perijodu ta' żmien li fil-gżejjer Maltin kien qed iseħħ 'rinaxximent' tal-iskultura reliġjuża fl-injam. Mingħajr ebda dubju, Antonio Chircop kien protagonist importanti f'dan il-perijodu tad-deheb fil-qasam tal-iskultura reliġjuża ta' pajjiżna. Kien ukoll żmien li matulu l-Maltin kienu jagħtu emfasi kbira lit-tinqix tax-xbihat tal-Madonna. Ngħidu biss li fl-1807, Vincenzo Dimech ħadem il-vara tal-Assunta tal-Gudja; fl-1808, Mariano Gerada lesta l-vara ta' Santa Marija ta' Ħal-Għaxaq; fl-1837, tlestiet il-vara ta' Santa Marija ta' l-Imqabba minn Alessandro Farrugia.[14] Fuq kollox, jeħtieġ jingħad li dawn l-istatwi kienu jitnaqqxu minn *woodcarvers* tas-sengħa bi skruplu u b'devozzjoni.

Vara Qadima

Fis-sagristija tal-Parroċċa tal-Qrendi tinsab vara tal-Madonna, minquxa fl-injam, li ġiet klassifikata bħala eżempju ewlieni ta' *Maltese Art of the Early XVII Century.*[15] Dwar din il-vara, il-mibki Chev. Vincenzo Bonello kiteb hekk: *'The elongated figure of the Virgin sways in a curve following the fashion of the Gothic artists of a much earlier period.'*[16]



Huwa fatt dokumentat fil-Viżti Pastorali li din il-vara qadima tal-Madonna kienet diġà tinsab fil-Parroċċa tal-Qrendi fis-sena 1686, u li f'dik is-sena u fis-snin ta' wara kienet tiġi esposta għall-venerazzjoni tal-pubbliku nhar il-festa tal-Assunta.[17] Din il-vara tal-Madonna hi tassew teżor kbir – waħda mill-ftit eżempji li fadal ta' figuri skultorji fl-injam imnaqqxa minn artisti Maltin fil-bidu tas-seklu sbatax!

Egħluq

Għadna ma nafux il-verità sħiħa dwar il-personalità, il-karattru w il-ħidma skultorja ta' Antonio Chircop. Jeħtieġ li jsiru aktar riċerki serji dwar dan l-iskultur, kemm fir-reġistri tal-parroċċi tagħna kif ukoll f'kitbiet u manuskritti oħra tas-seklu dsatax. Inħeġġeġ lin-nies tal-Qrendi sabiex ikunu minn ta' quddiem nett fit-tfittix ta' aktar informazzjoni dwar dan l-iskultur. Jeħtieġ li Antonio Chircop isir magħruf aktar fost dawk li jixtiequ japprezzaw aħjar il-wirt artistiku ta' pajjiżna.

*Riferenzi*


1. *P.P. Castagna, Malta Bil-Gżejjer Tagħha,* III, 1865, p.109. Castagna twieled fis-sena 1827 u wara li għex ħajtu kollha f'Bormla, miet fl-istess belt fl-1907. L-informazzjoni li jagħti Castagna dwar Antonio Chircop nġabret matul l-istess ħajja ta' l-iskultur. Għalhekk, għandha valur storiku ta' siwi kbir.
2. Arkivju tal-Parroċċa, Senglea, *Liber Bapt.* Vol.VIII, 1797-1814, p.36.
3. Arkivju tal-Parroċċa, Senglea, *Liber Matrimon.* III, 1773 – 1802, p.160.
4. Nirringrazzja lis-Sinjorina Mary Anne Muscat, Genealoġista, għat-tagħrif dwar iż-żwiġijiet tal-antenati ta' Antonio Chircop.
5. Arkivju tal-Parroċċa, Vittoriosa, *Liber Matrimon.* Vo.V, 1801 – 1831, fol.203v.
6. Ngħidu biss li fit-Tnidijiet taż-Żwieġ (ara Arkivju Arċiveskovili, Floriana, *Pubblicazioni 1822 – 1837, 28 Settembre 1829)* naqraw li l-ġenituri ta' Antonia Decelis kienu *'Maestro Vittorio Decelis e Teresa Casha della Parochiale Chiesa della Vittoriosa'.*
7. Ara Public Registry, Valletta, *Act of Death, No.16/1869.* Dan id-dokument jikkonferma li Antonio Chircop kien jeserċita l-profesjoni ta' skultur.
8. Dwar Giorgio Pullicino, ara Perit Michael Ellul, *Art and Architecture in Malta in the Early 19th Century* fil-*Proceedings of History Week 1982,* ed. Mario Buhagiar, The Historical Society, Malta, 1983, pp.9 – 15.
9. *Ibid.*
10. Din hija nota dwar il-vara tas-SSma Trinita, li nkitbet fil-ġurnal *Il Trionfo Della Religione*, fil-ħarġa tat-18 ta' Settembru, 1843, p.102 : *'...la tesoreggiata statua della SSma Trinita scolpita dall'esimio artista Antonio Chircop con tanta raffinata maestria che nel mirar il complesso dell'opera non lascia lo spettatore di benedire la mano che le diede quei venerabili atteggiamenti, che capaci sono ad esprimere l'augusto mistero.'*
11. Ara Guido Lanfranco, *L-Istatwi tal-Assunta fil-Gżejjer Tagħna* fil-*Programm ta' Santa Marija, Rabat, Għawdex,* 1986, p.51.
12. P.P. Castagna, *op. cit.,* p.109.
13. Ara Charles Galea Scannura, *Tagħrif Storiku Dwar il-Knisja Parrokkjali ta' Bormla,* Malta, 1983, p.21.
14. Dawn l-attribuzzjonijiet u d-dati relattivi nafuhom lill-istoriku P.P. Castagna.
15. Din il-klassifikazzjoni nafuha lil Chev. Vincenzo Bonello – ara *Sacred Art in Malta,* Malta, 1960, p.105.
16. *Ibid.*
17. Ara Mons. Vincent Borg, *Marian Devotions in Malta,* The Historical Society, Malta, 1983, p.20.